II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/723

**tas-26 ta' Frar 2021**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward l-istabbiliment ta' reġistru pubbliku li jelenka l-korpi maħtura minn kull Stat Membru biex jissorveljaw il-proċessi ta' invekkjament għal xorb spirituż**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) 2019/787 jirrikjedi li l-operazzjonijiet tal-invekkjament tax-xorb spirituż isiru taħt superviżjoni tat-taxxa ta' Stat Membru jew superviżjoni li tipprovdi garanziji ekwivalenti.

(2) Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jaħtar il-korpi responsabbli biex jissorveljaw tali proċessi ta' invekkjament u jinformaw lill-Kummissjoni b'dan sabiex tkun tista' tistabbilixxi reġistru pubbliku li jelenka dawk il-korpi maħtura.

(3) Għal dan il-għan, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar l-istabbiliment ta' dan ir-reġistru pubbliku.

(4) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-25 ta' Mejju 2021, f'konformità mal-Artikolu 51(3) tar-Regolament (UE) 2019/787,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Reġistru pubbliku li jkun fih il-lista tal-korpi maħtura biex jissorveljaw il-proċessi ta' invekkjament għal xorb spirituż**

1. Abbażi tan-notifiki magħmula mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/724 ([2]), il-Kummissjoni għandha tfassal u taġġorna lista ta' korpi maħtura biex jissorveljaw il-proċessi ta' invekkjament għal xorb spirituż.

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/724tat-3 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-komunikazzjonijiet li jridu jsiru mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fir-rigward tal-korpi maħtura biex jissorveljaw il-proċessi ta' invekkjament għax-xorb spirituż u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jiżguraw il-konformità ma' dak ir-Regolament (Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi reġistru pubbliku li jkun fih il-lista tal-korpi maħtura biex jissorveljaw il-proċessi ta' invekkjament. Dan ir-reġistru għandu jkun fil-forma ta' *data* elettronika aċċessibbli pubblikament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Mejju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN